# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Gunju, 2017**

**Talba Nru: 1/2016 PM1**

**Marianna Vella (ID Nru. 0363440(M))**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Jannar, elfejn u sittax (2016) illi permezz tieghu l-attrici talbet li t-Tribunal jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess attrici s-somma ta' elf u hamsa u tletin euro (€1035) rapprezentanti spejjez inkorsi minnha b'rizultat tal-fatt li l-konvenut qabad u ippossessa ruhu minn bicca art tal-attrici u irrendiha art karreggjabbli ghalih u inoltre qabad u

iddistrugga l-hajt mibni mill-attrici, dan skont kif rikonoxxut ukoll mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tad-19 ta' Frar, 2015 fil-kawza fl-istess ismijiet bhal dik in ezami.

Ra r-risposta tal-intimat datata 3 ta' Frar, 2016 li permezz taghha eccepixxa li l-ammont pretiz mir-rikorrenti ma huwiex dovut stante li l-intimat hallas lir-rikorrenti l-ammonti kollha minnha pretizi kif ukoll l-ispejjez tal-kawza fl-ismijiet 'Marianna Vella v. Joseph Camilleri (Citazzjoni Numru 733/14/LSO). Illi fil-fatt r-rikorrenti a bazi tas-sentenza fuq citata pprezentat mandate kontra l-esponenti u wara li sari l-pagament min-naha tal-intimat saru l-kontro-mandati opportuni.

Ra d-dokumenti ossija ricevuti ezebiti a fol. 18 sa 20 tal-process.

Ra x-xhieda ta' Joseph Vella moghtija fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2016 (fol. 23 et. seq. tal-process).

Ra l-kopja tas-sentenza moghtija fil-kawza numru 733/2014 deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (fol. 25 et. seq. tal-process).

Ra x-xhieda ta' Joseph Deguara u tal-Perit Joseph Camilleri moghtija fis-seduta tas-17 ta' Gunju, 2016 (fol. 33 et. seq. tal-process).

Sema' x-xhieda tal-intimat moghtija fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2016 (fol. 45 et. seq. tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Victor Vella moghtija fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2017 (fol. 52 tal-process) u l-kontro-ezami relattiv.

Ra n-nota tal-konvenut u dokumenti annessi a fol. 59 et. seq tal-process.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob ammonti allegatament dovuti lilha in rapprezentanza ta' spejjez inkorsi minnha "*b'rizultat tal-fatt li l-konvenut qabad u ippossessa ruhu minn bicca art tal-attrici u irrendiha art karreggjabbli ghalih u inoltre qabad u iddistrugga l-hajt mibni mill-attrici*", dan skont kif rikonoxxut ukoll mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tad-19 ta' Frar, 2015 fil-kawza fl-istess ismijiet bhal dik in ezami.

Illi ghal tali talba l-intimat wiegeb billi essenzjalment eccepixxa l-pagament.

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni tal-pagament jinsab deciz li l-oneru tal-prova fir-rigward ta' tali eccezzjoni jaqa' ghal kollox fuq min iressaqha (ara f'dan is-sens **Franz Mifsud v. Francis Montanaro** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fl-4 ta' Dicembru, 1998). Fir-rigward tal-prova mehtiega jinghad li:

"*Qed jigi sottomess mill-appellanti li l-oneru tal-prova tal-ezistenza tad-debitu jispetta qabel xejn lil min qieghed jittanta l-kawza. Dan huwa minnu, billi min jagixxi ghal xi kreditu jrid qabel xejn jipprova li dan il-kreditu jezisti. Izda huwa daqstant impellenti ghad-debitur li, la darba dan l-ostakolu jigi sorvolat, jressaq il-prova tal-estinzjoni tal-obbligazzjoni bil-pagament jew xort ohra in sostenn tal-eccezzjoni tieghu.*" (**Carmelo Zammit et. v. Emanuele Galea** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar, 2003).

Hekk ukoll jinsab deciz li:

"*Fid-dubbju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt.*" (**Giuseppe Darmanin v. Salvatore Muscat** deciza mill-Onor. Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Frar, 1965).

Illi, fil-kaz in ezami, l-attrici ppruvat illi l-ammont minnha mitlub jirrigwardja spejjez inkorsi minnha sabiex jaghmlu tajjeb ghall-hsarat kagunati mill-intimat kemm fl-ghalqa kif ukoll fil-hajt tas-sejjieh mertu wkoll tal-kawza ta' spoll deciza mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz tas-sentenza fl-istess ismijiet bhal kawza odjerna datata 19 ta' Frar, 2015 oltre spejjez peritali relattivi. Madanakollu huwa car li l-intimat naqas milli jipprova l-eccezzjoni tieghu u dana peress li, kif fuq kollox ammess minnu stess, il-pagament affetwat minnu kien biss fir-rigward tal-ispejjez tal-kawza ta' spoll deciza kontrih fid-19 ta' Frar, 2015. L-ircevuta ezebita minnu a fol. 60 tal-process tirrigwardja kjarament ammont differenti minn dak in ezami u rigwardanti esklussivament spejjez tal-kawza ta' spoll deciza kontra l-istess intimat. Skont ma xehed l-istess intimat:

> "*Nghid li dak iz-zmien kont ikkomunikajt ma' Dr. Joe Brincat u kont ikkomunikajt ukoll ma' Dr. Joe Schembri sabiex inhallsu minnufih l-ammonti li kienu jigi mitlubin minni u biex inkun nista' naghmel il-pagamenti li kienu qeghdin jigu mitlubin minni u biex inkun nista' naghmel il-pagamenti li kienu qed jigu mitlubin minni halli nnehhi s-sekwestru u nkun nista' naghmel uzu mill-Visa tieghi.* ***Dan l-ammont li kien qed jigi mitlub lili u jiena hallast kienu referibilment ghall-ispejjez tal-kawza.***" (enfazi mizjuda).

Huwa car allura li l-ammonti reklamati permezz ta' din il-kawza m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-ispejjez li l-intimati hallas lill-attrici wara l-hrug tal-mandat ta' sekwestru fuq ismu u li, kif imfisser minnu stess, kienu jirrigwardjaw proprju l-ispejjez u drittijiet legali relatati mal-kawza ta' spoll. Fir-rigward tal-ammonti mitluba permezz tal-kawza odjerna Joseph Vella, prodott mill-attrici xehed proprju in linea ma' dak li kien xehed l-istess xhud quddiem l-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn spjega li l-hajt kellu jinbena darbtejn wara li l-intimat rega waqqghu:

> "*Hu u martu kienu kitbu lill-intimat permezz tal-avukat taghhom u regghu bnew il-hajt izda l-intimat rega` waqghu. Wara li l-intimat ghamel dan, ix-xhud ghamel il-posti tal-hadid biex jidentifikaw il-proprjeta` taghhom u harat l-istess art.*" (pagna 6 tad-decizjoni moghtija mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Marianna Vella v. Joseph Camilleri**').

L-ircevuti relattivi jinsabu wkoll konfermati mill-Perit Joseph Camilleri u kif ukoll minn Joseph Deguara li wettaq l-istess xogholijiet u jikkonferma il-verzjoni moghtija mir-ragel tal-attrici.

Illi, permezz tar-risposta tieghu, l-intimat lanqas ma jichad ir-responsabilita` tieghu ghall-htiega ta' tali xogholijiet imma jillimita ruhu filli jeccepixxi l-pagament. Tenut kont li huwa car **<u>lilhinn minn kull ombra ta' dubbju</u>** li l-attrici rnexxielha tipprova li (a) l-ammont mitlub jirrigwardja spejjez inkorsi bhala konsegwenza tal-hsara rekata (ghal aktar minn darba) mill-intimat kif konfermat ukoll mid-decizjoni moghtija mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili u (b) li l-ammont imhallas mill-intimat m'ghandu x'jaqsam xejn ma' dak mitlub mill-attrici permezz ta' din il-kawza it-Tribunal isib li t-talba attrici jisthoqqilha li tigi emmnuta u kwindi ser jghaddi sabiex jilqa' l-istess bl-ispejjez ta' din il-procedura wkoll kontra l-istess intimat.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha imressqin mill-intimat, jilqa' t-talba attrici kif dedotta u jikkundanna lill-intimat ihallas lill-istess attrici s-somma ta' elf u hamsa u tletin euro (€1035) bl-ispejjez tal-procedura prezenti u bl-imghaxijiet fuq l-istess mid-data tas-sentenza kontra l-istess intimat.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**